# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Marzu 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 104/2022 BS**

**Ta' Vella Company Limited**

**-vs-**

**Michael Zammit Holdings Limited**
**u Michael Angelo Zammit**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur illi ppremetta:**

1. ILLI s-soċjetà esponenti għamlet xogħolijiet [sic] ta' kostruzzjoni fil-propjetà magħrufa bħala 'ta' Randu' u ċioè [sic] fi Triq Ġdida fi Triq il-Kalkara tal-Ġir, [Ta'] Sannat, Għawdex;

2. ILLI dawn ix-xogħolijiet [sic] kienu jikkonsistu għal bini tal-ħitan diviżorji inkluż ukoll taħmil u x-xogħol ta' pedamenti l-kostruzzjoni tal-istess ħitan diviżorji u dan hekk kif miftiehem bejn il-partijiet;

3. ILLI s-soċjetà esponenti għandha tieħu is-somma [sic] ta' disgħa u għoxrin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin Euro u sbatax-il ċenteżmu (€29,745.17) relattivi għax-xogħolijiet [sic] intrapriżi hekk kif spjegat u dan hekk kif jidher mill-kont hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

4. ILLI minkejja li s-soċjetà esponenti interpellat lill-konvenuti diversi drabi sabiex jeffettwaw il-ħlas tal-imsemmija xogħolijiet [sic], il-konvenuti baqgħu inadempjenti;

5. ILLI infatti s-soċjetà esponenti anke kienet interpellat lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ammont dovut u dan permezz ta' Ittra Uffiċċjali [sic] Nru. 467/2022 kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

6. ILLi minkejja dan kollu, il-konvenuti baqgħu inadempjenti u ma ħallsux;

7. ILLI s-soċjetà esponenti tiddikjara li safejn taf hi, il-konvenuti ma għandhom eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba odjerna;

8. ILLI għalhekk kellha ssir din il-kawża u l-esponenti jiddikjara li jaf danw il-fatti personalment.

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddisponi mit-talbie bid-dispensa tas-smiegħ [sic] tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara dovuta lir-rikorrenti mill-konvenuti jew min minnhom bħala debitur/i, is-somma komplessiva ta' disgħa u għoxrin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin Euro u sbatax-il ċenteżmu (€29,745.17), rappreżentanti l-ħlas dovut fuq xogħolijiet [sic] eżegwiti mis-soċjetà attriċi hekk kif spjegat fir-rikors ġuramentat;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont dovut lis-soċjetà attrċi bl-imgħaxijiet relattivi sal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Ittra Uffiċċjali [sic] Numru 467/2022 u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. /2022 [sic] intavolat kontestwalment, bl-imgħaxijiet legali u bil-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsabu imħarrka.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Michael Angelo Zammit għal kull interess li jista' jkollu kif ukoll bħala Direttur u in rappreżentanza tas-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited illi eċċepixxi:**

1) Illi dina l-istess Risposta qegħda tiġi bbażat fuq il-premessi segwenti:

   a. L-Eċċeżżjoni li l-istess Esponenti Intimati ma humiex il-leġittimi kontradditturi;

   b. L-istess Esponenti Intimati lanqas biss kienu jagħfu li teżisti l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited aħseb w ara kemm qatt seta' kellhom xi forma ta' kuntat ma l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited;

   c. Tant ma kienux jagħfu bl-istess eżistenza ta' l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited, illi l-istess Esponenti Intimati lanqas biss daħlu bħala Intimat lill istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited:

      I. Fl-istess Mandat ta' Inibizzjoni li jġib in-Numru 24/2022 BS fl-ismijiet *"Zammit Michael Angelo detentur tal-Karta ta' l-Identità 0031156G bħala Direttur w inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C 9105 vs. Vella John detentur tal-Karta ta' l-Identità 003468G bħala Direttur w inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Island Farmhouses Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C 25788"* kif ukoll

      II. Fl-istess Kawża in sostenn li ġġib in-Numru 91/2022 BS fl-ismijiet:

         *"Zammit Michael Angelo detentur tal-Karta ta' l-Identità 0031156G bħala Direttur w*

*inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C 9105*
*vs.*

(1) *Vella John detentur tal-Karta ta' l-Identità 003468G f'ismu proprju w għal kull interess li jista' jkollu;*

(2) *Vella Helen detentriċi tal-Karta ta' l-Identità 0019668G f'ismha proprju w għal kull interess li jista' jkollha;*

(3) *Vella John detentur tal-Karta ta' l-Identità 003468G bħala Direttur w inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Island Farmhouses Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C 25788 u*

(4) *Il-Perit Steve Scicluna detentur tal-Karta ta' l-Identità 0033987G f'ismu proprju w għal kull interess li jista' jkollu;"*

Il-Prinċipju ġenerali tad-Dritt *"IN IDEM PLACITUM CONSENSUS:"*

2) Illi wieħed mill-Prinċipji bażiljarji tad-Dritt aċċettati anke minn Dawna l-istess Onorabbli Qrati, huwa l-Prinċipju ġenerali tad-Dritt *EST PACTIO DUORUM PLURIUMVE IN IDEM PLACITUM CONSENSUS* li tfisser *"Il-Patt huwa l-ftehim kunsenswali ta' żewġ persuni jew aktar fuq l-istess oġġett kuntrattwali;"*

3) Illi għaldaqstant, l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited għanda l-obbligu legali w l-obbligu morali li tipprova li mingħir ebda ombra ta' dubju li bejn l-istess Esponenti Intimati w l-istess Soċjetà Rikorrenti kien intlaħaq xi forma ta' ftehim, ossija, kemm abbażi tal-Prinċipju bażiljarju tad-Dritt *EST PACTIO DUORUM PLURIUMVE IN IDEM PLACITUM CONSENSUS* kif ukoll ta' l-istess Artikoli 992 u 993 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta w/jew li l-istess Esponenti Intimati aċċettaw li jindaħlu għal xi forma ta' *"obbligazzjoni di dare"* w/jew għal xi forma ta' *"obbligazzjoni di fare"* w/jew għal xi forma ta' *"obbligazzjoni di non fare,"* eċċ ma l-istess Soċjetà Rikorrenti;

4) Illi skond l-istess Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 - Kodiċi Ċivili:

*(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom;*
*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bill kunsens;*

5) Illi l-Artikolu 993 tal-KAPITOLU 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jiddisponi hekk:

*"Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-BONA FIDI, w jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi;",*

6) Illi għaldaqstant, huwa pertinenti f'dina l-istess Kawża odjerna li *ai termini* anke ta' l-istess Artikoli 992 u 993 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-Prinċipji ġenerali tad-Dritt *PACTA CONVENTA QUÆ NEQUE CONTRA LEGES, NEQUE DOLO MALO INITA SUNT, OMNI MODO OBSERVANDA SUNT* li tfisser *"kuntratti li ma humiex illegali, w li ma joriġinawx minn frodi, għandhom jiġu osservati f'kull aspett"* (Code 2. 3. 29; Broom, Max. 698, 732) kif ukoll tal-*PACTA DANT LEGEM CONTRACTUI* li tfisser *"Ftehim jagħtu l-liġi lill-kuntratt"* (Halkers, Max. 118), li l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited għanda l-obbligu legali w l-obbligu morali li tipprova l-eżistenza tal-Brocardo *"IN IDEM PLACITUM CONSENSUS"* li jfisser *"Il-Kunsens (paċifiku) fuq l-istess punt;"*

7) Illi b'din l-espressjoni *"IN IDEM PLACITUM CONSENSUS,"* hija drawwa li jiġi indikat il-ftehim kuntrattwali, element essenzjali għall-eżistenza ta' l-allegat negozju w/jew ftehim;

8) Illi n-negozju w/jew il-ftehim mhu xejn ħlief il-kunsens reċiproku, l-punt ta' laqgħa bejn il-partijiet rigward il-programm kuntrattwali;

9) Illi mingħajr prova tal-*"IN IDEM PLACITUM CONSENSUS,"* l-eżistenza ta' l-allegat negozju w/jew ftehim ma jeżistix;

Il-Prinċipju ġenerali tad-Dritt *"EX TURPI CAUSA NON ORITUR ACTIO"* w *"FRAUS OMNIA CORRUMPIT:"*

10) Illi kif huwa ben saput ukoll, ħadd ma hu tollerat li bit-turpitudni tiegħu stess kif ukoll mill-istess qerq sfaċċat w eżerċitat minnu stess, jieħu xi forma ta' vantaġġ billi fuq kollox jagħmel il-bażi Ġudeizzjarja, kemm jekk ta' pretiża kif ukoll jekk ta' difiża, ossija, l-istess Esponenti Intimati qegħdin minn issa jqajmu l-Eċċeżżjoni w il-Prinċipju ġenerali tad-Dritt *"EX TURPI CAUSA NON ORITUR ACTIO"* kif ukoll il-Prinċipju ġenerali tad-Dritt *"FRAUS OMNIA CORRUMPIT"* kontra l-istess Soċjetà Rikorrenti;

11) Illi l-istess Soċjetà Rikorrenti trid fuq kollox tipprova quddiem Dina l-istess Onorabbli Qorti li hija għandha fuq kollox *"idejha indaf;"*

12) Illi d-*"Duttrina ta' l-idejn indaf"* hija regola tal-liġi li xi ħadd li ġġib xi kawża w/jew mozzjoni w/jew li jitlob lill Din l-istess Onorabbli Qorti għall-ħelsien ekwitabbli għandhom ikunu innoċenti minn kull tip ta' *"wrongdoing"* u/jew ta' xi kondotta inġusta;

13) Illi hija difensiva affermattiva li l-istess Esponenti Intimati jistgħu jitolbu lill Din l-istess Onorabbli Qorti li l-ewwel u qabel kollox tiddeċiedi jekk l-istess Soċjetà Rikorrenti għandiex *"idejn mhux inadaf"* minn kull tip ta' *"wrongdoing"* u/jew ta' xi kondotta inġusta;

14) Illi l-istess Esponenti Intimati qegħdin minn issa jiddikjaraw li dina l-istess Kawża odjerna, mhux biss hija waħda frivolu w vessatorju imma fuq kollox hija waħda vendikattiva sabiex mhux biss iweġġgħu kemm jifilħu lill istess Esponenti Intimati, imma wkoll, b'użu ta' metodi illeċiti li ma jagħmlux ġieħ lill istess Ċiviltà Demokratika Maltija fejn anke fil-Gżira ta' Għawdex is-Saltna tad-Dritt tirrenja flimkiem ma' l-istess estorzjoni tagħhom stess, l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll l-istess kompliċi tagħha, ossija, John Vella w Kevin Vella pro et nomine, eċċ., qegħdin jagħmlu minn kollox sabiex jirrovinaw u jeqirdu darba għal dejjem lill istess Esponenti Intimati;

15) Illi kif ġa ġie suriferit u primarjament qed jiġi solevat illi bħala eċċezzjoni ta' l-istess Esponenti Intimati, huwa proprju dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-istess Soċjetà Rikorrenti, w li minħabba tali nuqqas ma jikkwalifikax fl-istatus ta' vittma w/jew ta' xi tip ta' kreditur, eċċ sabiex l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll l-istess kompliċi tagħhom, ossija, John Vella w Kevin Vella pro et nomine, eċċ., jużufruwixxu minn xi tip ta' rimedji li jistgħu jagħtu dawna l-istess Onorabbli Qrati;

16) Illi qed jiġi solevat ukoll mill-bidu nett li l-istess Esponenti Intimati qatt ma qabdu lill istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll l-istess kompliċi tagħhom, ossija, John Vella w Kevin Vella pro et nomine, eċċ., sabiex jagħmlu xi tip ta' attività w/jew xi tip xogħolijiet, benefikati, eċċ., a benefiċċju ta' l-istess Esponenti Intimati;

17) Illi bħala punt tat-tluq, l-istess Soċjetà Rikorrenti lanqas biss tat prova waħda li hija waħda jekk verament għandhiex interess ġuridiku, dirett u personali, kif ukoll attwali, anke meta kienet talbet mhux biss l-istess ħruġ ta' dina l-istess Kważa odjerna bil-Giljottina Nru. 104/2022 BS fl-ismijiet premessi, imma wkoll meta kienet talbet l-ħruġ ta' l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju li jġib in-Numru 130/2022 BS anke fl-ismijiet premessi;

18) Illi anke jekk għal grazzja ta' l-argument, l-istess Soċjetà Rikorrenti rnexxiela totteniet minn għand Dina l-istess Onorabbli Qorti dina l-istess Kważa odjerna fl-ismijiet premessi, kif ukoll l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 130/2022 BS fl-ismijiet premessi, l-istess Soċjetà Rikorrenti primarjament għandha turi l-interess ġuridiku tagħha kemm meta kienet talbet l-istess ħruġ ta' dina l-istess Kważa odjerna, kif ukoll meta kienet talbet l-istess ħruġ ta' l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 130/2022 BS fl-ismijiet premessi;

19) Illi fl-opinjoni ta' l-istess Esponenti Intimati, Dina l-istess Onorabbli Qorti għandha primarjament tistħarreġ jekk dina l-istess Kważa odjerna kif ukoll l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 130/2022 BS fl-ismijiet premessi nħarġux b'mod abbużiv, b'mod vendikattiv u fuq kollox b'għan speċifiku ta' estorsjoni;

20) Illi għaldaqstant u dejjem fl-opinjoni ta' l-istess Esponenti Intimati, Dina l-istess Onorabbli Qorti għandha primarjament tistħarreġ u tiddeċiedi dwar is-siwi ta' l-allegat obbligazzjoni, eċċ. li, bis-saħħa tagħha, inħarġu kemm dina l-istess Kważa odjerna bil-Giljottina Nru. 104/2022 BS fl-ismijiet premessi kif ukoll l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 130/2022 BS fl-ismijiet premessi;

IL-VENDETTA w il-Prinċipju ġenerali tad-Dritt *QUI STATUAT ALIQUID PARTE INAUDITA ALTERA ÆQUUM LICET STATUERIT HAUD SEQUUS OLET:*

21) Illi kif tgħallimna ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti, l-vendetta ma għandiex limitu;

22) Illi ma huwa sew xejn li għax l-istess Esponenti Intimati s-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited u l-istess Zammit Michael Angelo, kienu ddakjaraw nteress dirett li jitħarsu l-istess jeddijiet tagħhom permezz:

a) Ta' l-istess Mandat ta' Inibizzjoni li jġib in-Numru 24/2022/1 BS fl-ismijiet *"Michael Angelo Zammit noe -vs- John Vella noe;"* kif ukoll

b) Ta' l-istess Diġriet hekk maħruġa minn Dina l-istess Onorabbli Qorti, fejn l-istess Onorabbli Qorti kienet id-deċidiet hekk fis-19 ta' Lulju 2022:

*"....IN linea ma' dan l-insenjament din il-Qorti tqis li bil-fatti kif esposti quddiemha dan ir-rekwiżit ġie sodisfatt ukoll.*

*Deċide:*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn mogħtja l-Qorti tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.*

*Spejjeż ta' din il-proċedura jkunu a karigu tal-intimat noe...."*

c) Ta' l-istess Kawża li jġib in-Numru 91/2022 BS - SPOLL fl-ismijiet *"Michael Angelo Zammit noe -vs- John Vella noe;"*

l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited issa qegħda tipprova taġevola lilha inifisha permezz ta' Dina l-istess Onorabbli Qorti meta bħala ben fatt, l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited lanqas biss għada wriet l-istess interess ġuridiku tagħha anke meta kienet talbet l-istess ħruġ ta' dina l-istess Kawża odjerna Nru. 104/2022 BS fl-ismijiet premessi kif ukoll l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 130/2022 BS fl-ismijiet premessi;

23) Illi huwa evidenti li bil-ħruġ ta' dina l-istess Kawża odjerna Nru. 104/2022 BS fl-ismijiet premessi w speċjalment bil-ħruġ ta' l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 130/2022 BS fl-ismijiet premessi, barra d-danni inġenti li ġa sofrew u li ser jibqgħu jiġu soferti mill-istess Esponenti Intimati minħabba dina l-istess vendetta ġrossolana, b'atti illeċiti, l-istess Esponenti Intimati ser jiġu w ser jibqgħu jiġu żvantaġġjati anke quddiem Dina l-istess Onorabbli Qorti, għax l-istess Esponenti Intimati kienu talbu lill Dina l-istess Onorabbli Qorti sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, fil-5 ta' Lulju 2022, permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni li jġib in-Numru 24/2022 (BS) fl-ismijiet, *"Zammit Michael Angelo detentur tal-Karta ta' l-Identità 0031156G bħala Direttur w inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C 9105 Kontra Vella John detentur tal-Karta ta' l-Identità 003468G bħala Direttur w inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Island Farmhouses Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C 25788,"* ossija, fejn kienu talbu lill Dika l-istess Onorabbli Qorti sabiex żżomm lill istess Intimat, ossija, s-Soċjetà Island Farmhouses Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C 25788, milli tkompli tibni fuq l-immobbli li jinsab fl-inħawi magħrufa bħala *"Ta' Randu"* limiti Ta' Sannat, Għawdex, ossija, porzjon diviża minn territorju akbar tal-kejl ta' madwar mija tmienja w sittin metri kwadri (168 $M^2$);

24) Illi l-istess Mandat ta' Inibizzjoni li jġib in-Numru 24/2022 (BS) kien primarjament intalab għaliex l-istess Intimat, ossija, s-Soċjetà Island Farmhouses Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni tas-

Soċjetajiet C 25788, ġa kien kellu *"obbligazione di fare"* w *"obbligazione di non fare"* mill-istess Awtorità tal-*"Building & Construction Agency"* (BCA), ossija, li fuq il-Post ta' l-Eżekuzzjoni, l-istess Intimat jiqaf ħesrem mix-xogħolijiet kollha b'effett immedjat, ossija, mit-23 ta' Ġunju 2022 (Ara Ritratt hekk mibgħut mill-istess Perit ta' l-istess Soċjetà Island Farmhouses Limited hawn anness u mmarkat bħala DOK RITRATT LI KIEN ITTIEĦED FTIT JIEM WARA LIS-*"STOP NOTICE"* tat-23 ta' Ġunju 2022 MILL-BCA - ara Fol 61 tal-Mandat ta' Inibizzjoni 28/2022 u DOK A: KOPJI TA' L-EMAILS MIBGĦUTA MILL-PERIT JONATHAN GRECH, EĊĊ LILL-PERIT TA' L-ISTESS INTIMAT OSSIJA, L-PERIT SCICLUNA);

25) Illi bara li l-istess Intimati ta' l-istess Mandat ta' Inibizzjoni li jġib in-Numru 24/2022 (BS), ossija, l-istess Soċjetà Island Farmhouses Limited ġiet taqa' w tqum minn kulħadd u speċjalment mill-istess Awtorità tal-*"Building & Construction Agency"* (BCA), l-istess Soċjetà Island Farmhouses Limited ġiet taqa' w tqum anke mill-istess *"obbligazione di fare"* kif ukoll mill-istess *"obbligazione di non fare"* hekk imposta mill-istess Awtorità tal-*"Building & Construction Agency"* (BCA), ossija, li fuq il-Post ta' l-Eżekuzzjoni, l-istess Intimat, ossija, l-istess Soċjetà Island Farmhouses Limited, eċċ, kellhom jiqfu ħesrem mix-xogħolijiet kollha b'effett immedjat, ossija, mit-23 ta' Ġunju 2022;

26) Illi terġa w tgħid, l-istess Soċjetà Island Farmhouses Limited, eċċ, tant jidrilhom li huma l-fuq minn kull Liġi ta' Malta, li barra li ġew jaqgħu w jqumu mill-istess Awtorità tal-*"Building & Construction Agency"* (BCA), l-istess Soċjetà Island Farmhouses Limited, eċċ, ġew jaqgħu w jqumu anke kemm mill-istess Awtorità ta' l-istess Onorabbli Qorti, kif wkoll mill-istess *"obbligazione di fare"* kif ukoll mill-istess *"obbligazione di non fare"* hekk imposta minn Dika l-istess Onorabbli Qorti permezz ta' l-istess Digriet Proviżorju tagħha hekk impost fil-5 ta' Lulju 2022 (Digriet Finali tagħha hekk impost fis-19 ta' Lulju, 2022);

27) Illi fi kliem aktar sempliċi, fuq il-Post ta' l-Eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Inibizzjoni li jġib in-Numru 24/2022 (BS), l-istess Intimat ta' daka l-istess Mandat, ossija, l-istess Soċjetà Island Farmhouses

Limited kellha b'effet immedjat, tiqaf ħesrem mix-xogħolijiet kollha fuq il-Post ta' l-Eżekuzzjoni, ossija, mit-23 ta' Ġunju 2022 u mhux biss mill-5 ta' Lulju 2022;

28) Illi tant ġiet taqa' w tqum anke minn Dika l-istess Onorabbli Qorti, li l-istess Intimat ta' daka l-istess Mandat, ossija, l-istess Soċjetà Island Farmhouses Limited, b'effet immedjat, aġevolaw l-istess xogħolijiet fuq l-istess Post ta' l-Eżekuzzjoni ta' l-istess Mandat ta' Inibizzjoni li jġib in-Numru 24/2022 BS (Ara Ritratti hawn annessi);

29) Illi għaldaqstant, bit-tali aġir ta' l-istess Intimat u bi ksur sfaċċat ta' l-istess *"obbligazione di fare,"* kif ukoll bi ksur sfaċċat ta' l-istess *"obbligazione di non fare,"* eċċ., hekk imposta anke minn Dika l-istess Onorabbli Qorti permezz ta' l-istess Digriet Proviżorju tagħha hekk datat il-5 ta' Lulju 2022 (Digriet Finali tas-19 ta' Lulju, 2022), l-istess Esponenti Intimati f'dina l-istess Kawża odjerna, mhux biss ġew ippreġudikati bix-xogħolijiet hekk imwettqa wara t-23 ta' Ġunju 2022 kif ukoll bix-xogħolijiet hekk imwettqa anke wara l-5 ta' Lulju 2022 (Digriet Finali tagħha hekk impost fis-19 ta' Lulju, 2022), imma wkoll, bit-tali aġir ta' l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited, l-istess Soċjetà Rikorrenti qegħda tipprova taġevola lilha infisha bit-Talba tal-ħruġ ta' dina l-istess Kawża odjerna Nru. 104/2022 BS fl-ismijiet premessi kif ukoll ta' l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 130/2022 BS fl-ismijiet premessi li huma bbażati fuq premessi kompletament fallaċi;

30) Illi kif ġa ġie suriferit kemm-il-darba, l-istess Esponenti Intimati qegħdin jilqgħu għat-talbiet ta' l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited billi jeċċepixxu illi:

A. L-istess Esponenti Intimati qatt ma kellhom relazzjonij ġuridika ma l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited;

B. L-istess Esponenti Intimati qatt ma kienu konxji mill-fatt li kienet teżisti l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited aħseb w ara kemm qatt kellhom xi forma ta' kuntatt ma l-istess Soċjetà Rikorrenti;

C. L-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited qatt ma avvanzat:

i) Xi forma ta' Skrittura Privata; w/jew

ii) Xi forma ta' Memorandum of Understanding; u/jew

iii) Xi forma ta' Engagement Letter; u/jew

iv) Xi forma ta' Kuntratt Privat u/jew Kuntratt Publiku; u/jew

v) Xi forma ta' Korrispondenza bil-miktub; u/jew

vi) Xi forma ta' evidenza skjaċċanti eċċ

fejn turi li l-istess Esponenti Intimati kienu b'xi mod awtorizżaw lill istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited sabiex mhux biss jirrumblaw fuq id-drittijiet ta' l-istess Esponenti Intimati imma wkoll sabiex:

I) Tinvadi b'mod vjolenti w b'mod klandestin l-istess propjetajiet ta' l-istess Esponent Intimata, s-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited;

II) B'mod vjolenti w b'mod klandestin tagħmel mandra mill-istess drittijiet ta' l-istess Esponent Intimata, s-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited;

III) B'mod vjolenti w b'mod klandestin tirrovina l-istess propjetajiet ta' l-istess Esponent Intimata, s-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited;

IV) B'mod vjolenti w b'mod klandestin tisraq mill-istess Artijiet ta' l-istess Esponent Intimata, s-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited;

V) B'mod vjolenti w b'mod klandestin tiskava l-istess propjetajiet ta' l-istess Esponent Intimata, s-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited;

VI) B'mod vjolenti w b'mod klandestin tordom partijiet oħra mill-istess propjetajiet ta' l-istess Esponent Intimat;

VII) B'mod vjolenti w b'mod klandestin tibni fuq l-istess propjetajiet ta' l-istess Esponent Intimata, s-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited;

VIII) B'mod vjolenti w b'mod klandestin tikkommetti SPOLL vjolenti fuq l-istess propjetajiet ta' l-istess Esponent Intimat;

IX) B'mod vjolenti w b'mod klandestin tqarraq b'mod sfaċċat u bla limitu;

X) Tikkommetti xjentament, malizzjożament kif ukoll dolożament l-Att Kriminali ta' Estorsjoni sfaċċata sabiex fost affarijiet oħra jiksbu xi ħaġa, speċjalment flus u/jew artijiet, bil-forza w/jew bit-theddid minn għand l-istess Esponenti Intimati;

XI) Tikkommetti xjentament, malizzjożament kif ukoll dolożament l-Att Kriminali ta' Vjolenza kontra l-privat, ossija, b'atti vjolenti w b'atti klandestini, l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll l-istess Diretturi, eċċ., ta' dika l-istess Soċjetà Rikorrenti, ossija, l-istess Vella John u l-istess Kevin Vella pro et nomine, eċċ., b'ċerta vjolenza mastiċċa, qegħdin jagħmlu minn kollox sabiex iġiegħel lill-istess Esponenti Intimati jgħamlu, w/jew iħallu jssir, u/jew jonqsu milli jgħamlu affarijiet, li fil-liġi Rumana, hija mgħarufa bħala l-*BONUS PATER FAMILIAS;*

XII) Barra li kkommettew xjentament, malizzjożament kif ukoll dolożament l-Att Kriminali ta' Estorsjoni sfaċċat

u l-Att Kriminali ta' Vjolenza kontra l-privat, l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll l-istess Diretturi, eċċ., ta' dika l-istess Soċjetà Rikorrenti, ossija, l-istess Vella John u l-istess Kevin Vella pro et nomine, eċċ., mhux biss ikkommettew l-Att kriminuż sabiex fost affarijiet oħra jiksbu xi ħaġa, speċjalment flus u/jew artijiet, bil-forza w/jew bit-theddid minn għand l-istess Esponenti Intimati, imma wkoll xjentament, malizzjożament kif ukoll dolożament u b'ċerta vjolenza mastiċċa, l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll l-istess kompliċi tagħha ma wżawx id-*"Duty of Care"* hekk imposta anke mill-istess Ġurisprudenza Maltija fil-konfront ta' l-istess Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited kif ukoll ta' l-istess Zammit Michael Angelo;

31) B'żieda ma dak riportat fl-eċċezzjonijiet surreferiti, l-istess Esponenti Intimati, jirrilevaw ukoll li ma huwa veru assolutament xejn li ntlaħaq xi forma ta' ftehim relattiv għal xi forma ta' ħlas ta' xi allegat kumpens ekwivalenti għal (Ara l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 130/2022 BS fl-ismijiet premessi):

| | | |
|---|---|---|
| Kreditu: | Sorti | Disa' w għoxrin elf, seba' mija w ħamsa w erbgħin Ewro w sbatax-il ċenteżmu ta' l-Ewro (€29,745.17) |
| | Imgħax | Riservati; |
| | Spejjeż | Elf w ħames mitt Ewro (€1,500.00) spejjeż tal-preżenti proċeduri w riżervati fil-kumplament; |

u dana fuq l-allegat prezz u/jew l-allegat kumpens miftijhem tan-negozju w/jew ta' xi bini in kwistjoni, w dan kif se jirriżulta ben ċar daqs il-kristall waqt is-smiegħ ta' l-istess Kawża Giljottina li iġġib in-numru tar-Rikors Ġuramentat 104/2022 BS;

Illi għaldaqstant, jispetta lill-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited li tipprova kwalunkwe allegazzjoni relattiva għal xi forma ta' ftehim milħuq bejn il-partijiet, u/jew min minnhom, f'dan

ir-rigward, u dan sal-grad hekk rikjest mill-istess liġi proċedurali Maltija;

32) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rrilevat ukoll li, fin-nuqqas ta' provi konkludenti għar-rigward tal-eżistenza ta' l-allegat ftehim relattiv għal kumpens ammontanti suriferiti tal-valur ta' l-allegat negozju w/jew allegat xogħolijiet in kwistjoni – liema ftehim, mingħajr ebda dubju, qatt ma eżista w għalhekk jispetta lill-istess Soċjetà Rikorrenti u lill istess kompliċi tagħhom li jressqu provi, sal-grad rikjest mill-istess liġi proċedurali Maltija, relattivi għall-komputazzjoni ta' xi forma ta' l-allegat kumpens relattiv għall-allegat servizzi w/jew għall-allegat xogħol allegatament prestati mill-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited u/jew mill-istess kompliċi tagħhom, dejjem a benefiċċju esklussiv ta' l-istess Esponenti Intimati;

33) Illi ta' minn wieħed jirileva wkoll li bejn Jannar u Ġunju tat-2022, l-istess Esponent Intimat Zammit Michael Angelo kien rikoverat f'Isptar, ossija, kemm daka ta' Malta kif ukoll daka ta' Għawdex b'perjodu limitati rikoverat *"house bound u wheelchair bound"* għall kollox fid-dar li għandu ġewwa r-Rabat Għawdex;

34) Illi tant huwa hekk illi l-istess Esponent Intimat Zammit Michael Angelo kien:

a) Iddaħħal b'emerġenza l-Isptar ta' Għawdex fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar 2022;

b) Illi dak in-nhar stess, l-istess Esponent Intimat Zammit Michael Angelo kien ġie trasferit l-Isptar Mater Dei ta' Malta b'urġenza fejn immedjatament kienet saret operazzjoni delikatissima fuq il-qieħ ta' siqu;

c) Illi wara l-istess operazzjoni, fl-Isptar Mater Dei ta' Malta, l-istess Esponent Intimat Zammit Michael Angelo kien baqa rekoverat Malta għal gimgħat sħaħ;

d) Illi wara dina l-istess esperjenza qarsa, l-istess Esponent Intimat Zammit Michael Angelo kien ġie trasferit lejn l-Isptar

ta' Għawdex sabiex jgħaddi numru ta' ġimgħat hemm sabeix jirkupra mill-istess Operazzjoni su riferita;

e) Illi wara numru ta' ġimgħat rikoverat l-Isptar ta' Għawdex, l-istess Esponent Intimat Zammit Michael kien intbat lura d-dar tiegħu *(house bound u wheelchair bound)* ġewwa r-Rabat Għawdex sabiex jkompli jirkupra mill-istess Operazzjoni su riferita;

f) Illi tul dana ż-żmien kollu, l-istess Esponent Intimat Zammit Michael kellu mobilità ristretta ħafna *(house bound u wheelchair bound);*

g) Illi waqt li kien rikoverat id-dar tiegħu ġewwa r-Rabat Għawdex, l-istess Esponent Intimat Zammit Michael kienet sofna *"Hypo"* serjissima tant li kien reġa ddaħħal b'emmerġenza l-Isptar ta' Għawdex sabiex jinżamm taħt osservazzjoni kontinwa;

h) Illi għalkemm kien għadu ferm il-bogħod mill-istess irkupru ta' saħtu, peress li f'Ġunju 2022, l-istess Esponent Intimat Zammit Michael Angelo kien beda jisma' minn għand terzi li l-istess John Vella w Kevin Vella pro et nomine, eċċ., eċċ kienu qegħdin jaġixxu b'mod suspettuż fiż-żona ħdejn l-istess propjetajiet ta' l-istess Esponent Intimat, ossija, l-istess propjetajiet tas-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited, bħala d-Direttur ta' l-istess Soċjetà, l-istess Esponent Intimat Zammit Michael Angelo kien mar mal-Perit tal-fiduċja tiegħu fuq is-sit tal-kostruzzjoni;

i) Illi wara, l-istess Perit kien qabbad is-Surveyor tal-fiduċja tiegħu sabiex jara li ma saretx invażżjoni mill-istess John Vella w Kevin Vella pro et nomine, eċċ., fuq l-istess propjeta' ta' l-istess Esponent Intimata, s-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited;

j) Illi wara li eżamina l-istess Survey li kien għamel l-istess Surveyor ta' l-istess Perit tal-fiduċja tiegħu, fit-3 ta' Lulju 2022

kien mar fuq is-sit ta' kostruzzjoni ma l-Avukat Carmel Gatt sabiex jistabbelixxi d-drittijiet legali tiegħu;

k) Illi fil-5 ta' Lulju 2022, l-istess Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited kienet daħlet l-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-istess Soċjetà Island Farmhouses Limited li jġib in-Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C 25788;

35) Illi għaldaqstan, minħabba l-impossibilità li jkun fl-istess inħawi tal-post tal-kostruzzjoni, l-istess Esponenti Intimati, sa mill-bidu nett ta' l-istess skavar, u bini, eċċ., qatt ma kienu konxji b'dak kollu li kienu qegħdin jikkonfofaw minn wara darhom kemm l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll l-istess Diretturi, eċċ., ta' dika l-istess Soċjetà Rikorrenti, ossija, l-istess Vella John u l-istess Kevin Vella pro et nomine, eċċ.;

36) Illi kif ġa ġie suriferit, kien biss f'Ġunju tat-2022, ossija, wara li terzi persuni li kienu inzertaw fiż-żona tal-kostruzzjoni, kienu infurmaw lill l-istess Esponent Intimat li huma kellhom suspett li aktarx John Vella w Kevin Vella pro et nomine, eċċ., kienu invadew u li kienu qegħdin jibnu fuq il-propjetajiet ta' l-istess Esponent Intimat Michael Zammit Holdings Limited li l-istess Esponent Intimat Zammit Michael Angelo bħala Direttur tagħha seta jaġixxi;

Il-Prinċipju ġenerali tad-Dritt *RES INTER ALIOS ACTA TERTIIS NEQUE PRODEST NEQUE NOCET:*

37) Illi fil-mertu w mingħajr preġudizzju għas-suespost, u kif ġa sureferit, huwa eċċepit li kif dejjem tgħallimna ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti w dejjem skond il-Liġijiet ta' Malta w dejjem abbażi tal-Prinċipji bażiljarji *RES INTER ALIOS ACTA, ALIIS NEQUE NOCET, NEQUE PRODEST* li tfisser li *"Kull ħaġa mgħamula, w/jew kull transazzjoni li daħlu għalijha ċerti individwi ma tistax tgħati la vantaġġ u l-anqas azzjoni lill dawk li ma humiex partijiet f'dak l-Att u/jew transazzjoni;"*

38) Illi abażi ta' dan il-Prinċipju bażiljarji għandhu dejjem jkun ifisser li din hija duttrina tal-liġi li tgħid li kuntratt ma jistax jaffettwa ħażin id-drittijiet ta' xi wieħed li ma huwiex parti f'dak il-kuntratt;

39) Illi fuq kollox *RES INTER ALIOS ACTA* għandha tifsira komuni *"l-kwistjoni bejn oħrajn mhix in-negozju tagħna;"*

40) Illi r-*RES INTER ALIOS ACTA* hija reflessa fuq kollox fl-Artikolu 999 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi illi:

*(1) "Ħadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruħu jew jikkuntratta ħlief għalih innifsu;"*

*(2) "B'dan kollu, wieħed jista' jobbliga ruħu lejn ieħor, billi jwiegħed xi ħaġa li għandha tiġi magħmula minn persuna oħra; iżda, f'dan il-każ, jekk din il-persuna l-oħra ma tkunx trid tesegwixxi l-obbligazzjoni, dak li jkun obbliga ruħu jew wiegħed it-twettiq ta' l-obbligazzjoni, ikun suġġett biss għall-ħlas tal-ħsara;"*

41) Illi għaldaqstant, kull xogħolijiet u/jew kull deċizzjonijiet li kienu saru kemm mill-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll mill-istess kompliċi ta' l-istess Soċjetà Rikorrenti huma biss deċiżjonijiet unilaterali li kif ser jingħad aktar il-quddiem, skond anke l-istess Liġijiet ta' Malta, kull ħaġa mgħamula kemm mill-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll mill-istess kompliċi ta' l-istess Soċjetà Rikorrenti, w/jew kull tip ta' transazzjoni w/jew kull ta' xogħolijiet eċċ li daħlu għalijha kemm l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll l-istess kompliċi ta' l-istess Soċjetà Rikorrenti, ma tistax tgħati la vantaġġ u l-anqas azzjoni lill dawk li ma humiex partijiet (ossija, inkluż anke l-istess Esponenti Intimati, ossija, kemm is-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited kif ukoll is-Sur Zammit Michael Angelo) f'dak l-istess Att u/jew kull transazzjoni w/jew kull biċċa xogħol eċċ li daħlu għalijha kemm l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll l-istess Diretturi w/jew l-istess kompliċi ta' dika l-istess Soċjetà Rikorrenti, ossija, l-istess Vella John u l-istess Kevin Vella pro et nomine, eċċ.;

42) Illi għaldaqstant, fid-dawl ta' invazzjoni b'mod klandestin u b'mod vjolenti mill-istess Rikorrenti kif ukoll mill-istess kompliċi tagħhom, huwa mperattiv li qabel tinqata dina l-istess Kawża odjerna, hu importanti li l-ewwel tinqa' l-Kawża li jġib in-Numru

91/2022 BS - SPOLL fl-ismijiet *"Michael Angelo Zammit noe -vs- John Vella noe;"*

Għal dawn il-motivi l-istess Esponenti Intimati umilment jitolbu lil Dina l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha tikkunsidra li:

1. Tiddikjara li l-istess Esponenti Intimati ma humiex il-leġittimi kontradditturi ta' l-ebda azzjoni ta' l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited;

2. Tiddikjara li l-istess talbiet ta' l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited huma mhux biss frivoli w vessatorji imma fuq kollox huma vendikattivi b'eliment kriminali ta' estorsjoni lampanti w għaldqastant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited;

3. Tiddikjara w tiddeċiedi illi l-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited kif ukoll l-istess kompliċi tagħha, bl-aġir kontinwat u skorret kemm tagħha kif ukoll tagħhom, hija responsabbli għad-danni hekk sofferti mill-istess Esponenti Intimati;

4. Tillikwida d-danni kollha w is-somma kollha kemm dawk materjali kif ukoll dak mhux materjali w li huma hekk dovuti, okkorendo n-nomina ta' periti nominandi;

5. Tordna l-ħlas tad-danni mill-istess Soċjetà Rikorrenti Ta' Vella Company Limited lill-istess Esponenti Intimati s-somma kif hekk likwidati bl-imgħaxijiet ta' 8% skond il-liġi mid-data tal-ftuħ ta' dina l-istess Kawża odjerna sad-data tal-pagament effettiv;

B'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill istess Esponenti Intimati s-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C 9105 kif ukoll lill istess Zammit Michael Angelo detentur tal-Karta ta' l-Identità 0031156G għal kull interess li għandu, bl-imgħax legali, w bl-ispejjeż hekk reklamati w li huma sa issa huma riservati;

Bl-ispejjeż anke tal-preżenti;

Rat ir-rikors tas-soċjeta attriċi tas-6 ta' Jannar, 2023.

Rat ir-risposta tal-konvenuti tas-6 ta' Frar, 2023.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2023.

Rat ukoll li dak inhar il-kawża thalliet għas-sentenza in parte għal-lum sabiex tippronunzja ruħha dwar il-kontumaċja o meno tal-konvenuti.

**Ikkunsidrat.**

Is-soċjeta attriċi permezz ta' rikors data 6 ta' Jannar, 2023 talbet lil din il-Qorti tiddikjara r-risposta ġuramentata tal-konvenuti ġiet ippreżentata wara li skada it-terminu prefiss, u konsegwentement tisfilza dik ir-risposta u dunque tiddikjara l-konvenuti kontumaċi.

Il-konvenuti jilqagħu għat-talbiet ta' l-atturi billi fir-risposta tagħhom jagħtu r-raġunijiet li skond huma jiġġustifikaw għaliex ir-risposta ġuramentata ġie ppreżentata tardivament. Minbarra f'hekk jagħmlu talbiet li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-kwistjoni tal-kontumaċja o meno tagħhom iżda jirrigwardaw il-kawża propja.

**Ikkunsidrat.**

**Id-Dritt.**

L-Art 170(2) tal-Kap 12 jipprovdi illi meta l-konvenut jirnexxilu "…… *jissodisfa lill-qorti li huwa ghandu eccezzjoni prima facie biex jopponi t-talba … jinghata lilu l-permess li jopponi l-azzjoni u li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin jum mid-data tal-ordni msemmi fis-subartikolu (4), f'liema kaz il-konvenut ghandu jhares id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 158 sa fejn dan ighodd.*"

L-Art 170(4) tal-Kap 12 imbagħad igħid:- "*Id-digriet dwar il-permess hawn fuq imsemmi jinghata bil-fomm, u tieghu jitnizzel notament fl-atti tal-kawza.*"

Ai termini ta' l-Artikolu 158(10) tal-Kap 12, jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata: *"...il-qorti tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa' kontumaci kemm-il darba ma jippruvax ghas-sodisfazzjon tal-qorti raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta r-risposta guramentata fiz-zmien li jmiss. Il-qorti ghandha, madankollu, qabel ma taghti s-sentenza, taghti lill-konvenut zmien qasir li ma jistax jiggedded biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet ghandhom jigu notifikati lillattur li jkollu zmien qasir biex jirrispondi."*

*Kif gie ritenut mill Qorti Civili Prim Awla: "Il-gurisprudenza taghna hija konkordi dwar il-principji li jirregolaw il-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Dwar dawn il-principji hemm ampja riferenza fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Marzu 2015 fil-kawza "Simone Eve Collett Sammut et vs Adam Sammut et" fejn inghad hekk:- "Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-*

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza ;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta ;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci;*

*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

*Kif intqal fis-sentenza Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia (A.C. 16 ta' Frar 1996):- "F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il- 'culpa' u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghalhiex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire'."*

*Fil-kawza fl-ismijiet "Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd", deciza fit-28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet izda li:- "L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghall- forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduarli Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." (Ara wkoll "Vella pro et nomine v. Vella", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II –170); "Paul Grixti vs Direttur taxXoghlijiet Pubblici," deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, "Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul "deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)*[1]

Rigward il-kontumaċja ntqal ukoll illi: *"indubbjament l-istitut tal-kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort' ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min*

[1] Rosanne Micallef vs Maged Fawzy Shokry Iskander xi drabi indikat bhala Exkandar et, deciza 6 ta' Gunju, 2019

*kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa".*[2]

Barra minn hekk ġie ritenut ukoll illi : *"...biex tissussisti l-kontumacja din trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest ghalhekk li assenza mill-att trid tigi konfermata b'assenza wkoll mill-udjenza fis-sens shih talkelma".*[3]

Dan ifisser illi l-kontumaċja strutturalment trid tissussisti kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza.

**Ikkunsidrat.**

Imiss issa lil din il-Qorti tifli l-kronoloġija ta' kif żviluppa il-każ sal-lum.

Fit-12 ta' Settembru, 2022 l-atturi intavolat rikors ġuramentat kontra il-konvenuti.

Fl-4 ta' Ottubru, 2022 il-konvenuti ġew debitament notifikati bir-rikors ġuramentat.

L-ewwel seduta saret fil-11 ta' Novembru, 2022 u dak inhar il-Qorti qieset illi l-konvenuti kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu u akkordatilhom 20 jum biex jippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom.

Fil-5 ta' Diċembru, 2022 il-konvenuti ippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom.

Jirriżulta, u dan mill-kronoloġija tal-fatti li l-risposta ġuramentata ġiet ippreżentata wara li skada it-terminu ta' għoxrin jum. Minħabba f'hekk l-atturi qed jitolbu li tali risposta tiġi sfilzata u l-konvenuti ddikjarati kontumaċi.

Għal din it-talba l-konvenuti jgħidu li għandha tiġi miċħuda u in sostenn ta' dan ippreżentaw rikors fis-6 ta' Frar, 2023.

---

[2] Vivien Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi", Appell, deciza fit-13 ta' Lulju 2001

[3] Benny Zaffarese nomine vs Maximillian Castagna nomine, Appell, deciza fit-30 ta' Gunju 1997

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-konvenuti bir-risposta voluminuża tagħhom minbarra li jipprovaw jiġġustifikaw il-kontumaċja jressqu talbiet kontra l-attriċi. Mingħajr ebda tlaqlieq il-Qorti tagħmilha ċara li dan ma hux il-mod li bih il-konvenuti kien imisshom iressqu t-talbiet tagħhom kif esperiti fir-risposta u għalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-istess.

Rigward il-kwistjoni ta' kontumaċja l-Qorti tqis illi sabiex persuna tirrendi ruħha kontumaċi hija trid tkun ġiet notifikata bl-att ġudizzjarju iżda minkejja n-notifika pożittiva hija tonqos illi tippreżenta risposta fit-terminu mogħti lilha. Jirriżulta nfatti li għalkemm il-konvenuti ntimati fir-risposta tagħhom tas-06 ta' Frar, 2022 jgħidu illi l-kundizzjoni ta' saħħet Michael Angelo Zammit irrendietu inkapaċi fiżikament jattendi l-Qorti biex jippeżenta r-risposta ġuramentata, iċ-ċertifikati mediċi ippreżentati minnu juru li l-aħħar li kien rikoverat l-isptar kien f'Marzu, 2023 u li għandu problemi ta' saħħa kroniċi li joħolqulu diffikulta biex jimxi. Barra minn hekk ċertifikat ieħor esebit jmur lura għas-sena 2015.

Il-Qorti tibda biex tinnota li ċ-ċertifikat tas-sena 2015 juri biċ-ċar li l-problemi ta' saħħet il-konvenut intimat ilhom hemm u ma humiex problemi li insorġew dan l-aħħar. Tqis li sfortunatament il-konvenut ilu ta' mill-anqas dawn l-aħħar tmien snin jgħix bil-problemi ta' sahha deskritti fiċ-ċertifikati mediċi u għalhekk ma jistax jargumenta li ġew fuqu bħal sajjetta fil-bnazzi. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-konvenut jekk verament ma kienx jiflaħ jmur il-qorti u jippreżenta r-risposta ġuramentata setgħa faċilment jagħmel użu minn għodod oħra li taghti l-liġi biex ir-risposta tiġi ppreżentata fil-ħin xorta waħda. Il-Qorti qed tgħid dan għax mill-atti jirriżulta li l-Michaelangelo Zammit kien personalment u fiżikament il-qorti, jattendi għal seduti varji fis-16, 17 u 22 ta' Novembru, 2022.

Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti tqis li r-raġuni mogħtija mill-konvenut Michael Angelo Zammit biex jiġġustifika l-kontumaċja ma hix waħda attendibbli u sodisfaċenti u għalhekk tqis ukoll li l-aġir tiegħu juri dispett lejn l-Awtorita' ta' din l-istess Qorti u għalhekk ser tgħaddi sabiex tordna l-isfilż tar-risposta ġuramentata mill-atti u tiddikjara lill-konvenuti bħala kontumaċi. Dan qed tgħidu billi Michael Angelo Zammit fil-kawża tal-lum qed jidher ukoll bħala direttur u r-rappreżentant legali tas-soċjeta

Michael Zammit Holdings Limited, u għalhekk in konsegwenza tan-nuqqas tiegħu tintlaqat ukoll lis-soċjeta konvenuta u li għalhekk ser titqies bħala kontumaċi wkoll.

**Deċide.**

Għaldaqstant in vista tal-premess u l-motivi ġia espressi l-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi billi fil-waqt illi tordna l-isfilz tar-risposta ġuramentata mill-atti u dan għar-raġunijiet mogħtija, tiddikjara illi l-konvenuti huma kollha kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jibqgħu riżervati għall-gudizzju finali dwar il-mertu.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur